



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 165/24

Il-Lussemburgu, 4 ta' Ottubru 2024

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-181/23 | Il-Kummissjoni vs Malta (Ċittadinanza b'investment)

AĠ Collins: Il-Kummissjoni naqset milli tipprova li r-regoli tal-Unjoni Ewropea dwar iċ-ċittadinanza (Artikolu 20 TFUE) jeħtieġu li għandha tkun teżisti "rabta ġenwina" jew "rabta ġenwina minn qabel" bejn Stat Membru u individwu sabiex jagħti ċ-ċittadinanza

Wara emenda għall-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija f'Lulju 2020, ir-Repubblika ta' Malta adottat leġislazzjoni sussidjarja¹ li kienet tinkludi l-iskema tal-"Għoti ta' Ċittadinanza Maltija permezz ta' Naturalizzazzjoni għal Servizzi Eċċezzjonali b'Investment Dirett"² (iktar 'il quddiem l-"Iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020"). Fil-kuntest tal-Iskema tal-2020, l-investituri barranin setgħu japplikaw sabiex jiġu naturalizzati wara li jissodisfaw numru ta' kundizzjonijiet, prinċipalment ta' natura finanzjarja.

Fil-kuntest ta' dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Kummissjoni qiegħda tfittex li jiġi kkonstatat li, billi stabbilixxiet u operat l-iskema dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020, li toffri naturalizzazzjoni lil persuni, bi skambju għal pagamenti jew investimenti ddeterminati minn qabel, minkejja l-assenza ta' rabta ġenwina bejnhom u r-Repubblika ta' Malta, Malta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 20 TFUE dwar iċ-ċittadinanza tal-Unjoni³ u l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali⁴.

Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' llum, l-Avukat Ġenerali Anthony Collins jagħti parir lill-Qorti tal-Ġustizzja li **l-Kummissjoni naqset milli tipprova li, sabiex iċ-ċittadinanza tingħata legalment, id-dritt tal-Unjoni jeżiġi l-eżistenza ta' xi rabta "ġenwina" jew "ġenwina minn qabel" bejn Stat Membru u individwu differenti minn dik meħtieġa mid-dritt intern ta' Stat Membru.**

L-Avukat Ġenerali Collins josserva li, f'din il-proċedura, il-Kummissjoni għandha tipprova li Stat Membru ma ssodisfax obbligu li huwa għandu skont id-dritt tal-Unjoni u hija ma tista' tibbaża ruħha fuq ebda preżunzjoni sabiex tagħmel dan. Fl-osservazzjonijiet orali tagħha f'din il-kawża, il-Kummissjoni kkonfermat li l-ilment tagħha huwa bbażat fuq il-prova tal-eżistenza ta' rekwiżit taħt id-dritt tal-Unjoni li, sabiex tiġi ppreżervata l-integrità ta' iċ-ċittadinanza tal-Unjoni, għandha teżisti "rabta ġenwina" bejn Stat Membru u iċ-ċittadini tiegħu.

Skont l-Avukat Ġenerali Collins, id-Dikjarazzjoni Nru 2 dwar in-Nazzjonalità ta' Stat Membru annessa mal-Att Finali tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea⁵ tirrifletti l-perspettiva tal-Istati Membri li l-kunċetti rispettivi tagħhom ta' nazzjonalità jirrigwardaw l-essenza nnifisha tas-sovrani u tal-identità nazzjonali tagħhom, li ma għandhomx l-intenzjoni li jikkondividu. **Minn dan isegwi li l-Istati Membri ddeċidew li huwa l-kompitu ta' kull wieħed minnhom waħdu li jiddetermina min għandu d-dritt li jkun wieħed miċ-ċittadini tagħhom u, bħala konsegwenza, min ikun iċ-ċittadin tal-Unjoni.** L-AĠ Collins iqis għalhekk li, filwaqt li Stat Membru jista', skont il-leġislazzjoni tiegħu fil-qasam tan-nazzjonalità, jeżiġi l-prova ta' rabta ġenwina, id-dritt tal-Unjoni ma jiddefinixxix u, *a fortiori*, ma jeżiġix, l-eżistenza ta' tali rabta sabiex tinkiseb jew tinżamm din in-nazzjonalità.

Għalkemm id-dritt tal-Unjoni ma jistabbilixxix il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tas-setgħat li l-Istati Membri għażlu li

jżommu, dan l-eżerċizzju ma għandux jikser id-dritt tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan tal-aħħar. Għalhekk, filwaqt li d-dritt tal-Unjoni jista' jirrestrinġi, bħala prinċipju, l-eżerċizzju ta' prerogattiva sovrana ta' Stat Membru li jagħti jew li jirtira ċ-ċittadinanza, din il-limitazzjoni tapplika biss meta dan l-Istat Membru jaġixxi b'mod kuntrarju għad-dritt tal-Unjoni. Il-kundizzjonijiet għall-għoti tan-nazzjonalità huma kwistjoni għad-dritt nazzjonali, għalkemm tingħata ċerta attenzjoni għar-regoli tad-dritt internazzjonali kontra l-apolidija u d-dritt tal-Unjoni jeżiġi li d-drittijiet tal-bniedem u proċedurali tal-persuni kkonċernati jiġu rrispettati, għall-inqas fir-rigward tat-telf tan-nazzjonalità.

Id-dmir taħt id-dritt tal-Unjoni li tiġi rrikonoxxuta n-nazzjonalità mogħtija minn Stat Membru ieħor huwa rrikonoxximent reċiproku tas-sovranità ta' kull Stat Membru, u r-rispett tagħha, u ma huwiex mezz sabiex jiġu kompromessi l-kompetenzi esklużivi li jgawdu minnhom l-Istati Membri f'dan il-qasam. Ma hemmx bażi loġika għall-affermazzjoni li, peress li l-Istati Membri huma obbligati jirrikonoxxu n-nazzjonalità mogħtija minn Stati Membri oħra, id-dritt tagħhom dwar in-nazzjonalità għandu jinkludi regola partikolari. Deċiżjoni mod ieħor tkun tfixkel il-bilanċ stabbilit b'attenzjoni kbira bejn iċ-ċittadinanza nazzjonali u dik tal-Unjoni fit-Trattati u tkun tikkostitwixxi tnaqqis kompletament illegali tal-kompetenza tal-Istati Membri f'qasam sensittiv ħafna li huma ddeċidew b'mod ċar li jżommu taħt il-kontroll esklużiv tagħhom.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-Avukat Ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawżi li jkunu ġew assenjati lilu. L-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Il-Kummissjoni jew Stat Membru jista' jippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obligu, dirett kontra Stat Membru ieħor li naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obligu, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonforma massentenza fl-iqsar żmien possibbli. Meta l-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru ma kkonformax mas-sentenza, hija tista' ttippreżenta rikors ġdid fejn titlob sanzjonijiet pekunjarji. Madankollu, fil-każ li ma jiġux ikkomunikati l-miżuri ta' traspożizzjoni ta' direttiva lill-Kummissjoni, fuq proposta ta' din tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' timponi sanzjonijiet sa mill-ewwel sentenza.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-Konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata l-opinjoni.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-qari tal-Konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ Ir-"Regolamenti dwar l-Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali tal-2020", adottati f'Novembru 2020 skont l-Artikolu 10(9) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, kif emendati bl-Att dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020.

² It-Taqsima III u t-Taqsima IV tar-Regolamenti tal-2020 kienu jinkludu regoli ddettaljati li jirregolaw l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali skont il-mertu u permezz ta' investment dirett fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-Repubblika ta' Malta.

³ Artikolu 20 TFUE.

⁴ Artikolu 4(3) TUE.

⁵ ĠU 1992, C 191, p. 98.